TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

7

Avviż Numru CCT 58/18/F

**Peter Farrugia**

**vs**

**Bajada New Energy Ltd.**

Illum, 5 ta' Settembru, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 t'April, 2018 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' disa' mitt ewro (€900), rappreżentanti prezz ta' inverter li ġralu l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara l-pannelli solari u li kien ilhom sitt snin għandu. Dan kellu garanzija ta' 25 sena u 7 snin fuq l-inverter, u li l-inverter ġralu l-ħsara.

L-intimat issottometta li l-inverter kellu nuqqas ta' kura u traskuraġni daparte tar-rikorrenti għax ma ħax ħsiebu.

It-Tribunal, jinnota illi hemm il-garanzija ta' seba' snin u li l-inverter mar f'dawn is-seba' snin u l-inverter kien protett peress li kien taħt il-pannelli u li għalkemm ġralu l-ħsara huwa kopert bil-garanzija.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, għalhekk jordna lis-soċjeta' ntimata tagħti inverter ġdid lir-rikorrenti, u fin-nuqqas li tagħmel dan fi żmien tlett ġimgħat mil-lum, tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' disa' mitt ewro (€900), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**